# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2019.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 40/2016**

**Alfred Baldacchino (I.D. 460737 M),**
***Regency Estates Limited* (C – 237),**
**u *Westminister Securities Limited***
**(C – 2830)**

**vs.**

**L-Avukat Generali u d-Direttur tal-Qorti Civili u Tribunali u b'digriet datat it-8 ta' Marzu, 2017, gie kjamat in kawza d-Direttur tal-Artijiet u b'digriet datat is-7 ta' Novembru, 2017, sostitwit bl-Awtorita` tal-Artijiet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-3 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1);

1.1. Illi ircevew rikors mid-Direttur intimat, illum Awtorita` intimata li permezz tieghu kienu infurmati li l-enfitewsi li kien hemm favur taghhom kien gie mitmum fit-12 ta' Marzu, 1994;

1.2. Illi kienu hekk gew infurmati wkoll li l-agir taghhom precedentement indikat kien abbuziv u illegali;

1.3. Illi tali agir kien ukoll qed johloq danni lill-istess rikorrenti;

1.4. Illi ghalhekk kien qieghed izomm lir-rikorrenti odjerni responsabbli ghad-danni;

1.5. Illi finalment talab ukoll il-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni, u anke il-kera li huma gabbru minghand terzi;

1.6. Illi mis-suespost jidher li l-kawza hemm riferita kienet tirrigwarda valur incert mhux determinat;

1.7. Illi b'sentenza datata t-**30 ta' Novembru, 2011**, fl-ismijiet **Direttur tal-Artijiet vs. Alfred Baldacchino *et*, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili** illikwidat id-danni fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u tletin elf u disghin euro, (€438,090.00), kontra s-socjetajiet hawn rikorrenti u lliberat lil Alfred Baldacchino mill-osservanza tal-gudizzju;

1.8. Illi l-kawtela imposta ghall-appell kienet ta' zbatax -il elf tliet mija u sebgha u sittin euro, (€17,367.00);

1.9. Illi r-rikorrenti odjerni ma setghux ihallsu l-kawtela *de quo* u ghalhekk intavolaw rikors *ai termini* tal-artiklu 249 tal-Kap 12;

1.10. Illi r-rikors indikat fil-paragrafu precedenti kien gie respint;

1.11. Illi konsegwenza tal-istess l-appell interpost kien dikjarat desert u baqa' biss *in vigore* l-appell incidentali, liema appell kien gie milqugh mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha datata l-11 ta' Marzu, 2016;

1.12. Illi fl-istess sentenza riferita fil-paragrafu precedenti r-rikorrenti Alfred Baldacchino kien gie dikjarat personalment u solidalment responsabbli fl-ammont fuq indikat;

1.13. Illi jhossu li l-intaxxar tal-kawtela hu zbaljat u jcahhadhom mill-access ghall-qorti;

1.14. Illi d-dritt ta' smigh xieraq japplika wkoll fis-*sede* tal-appell;

1.15. Illi tali dritt jiddependi mill-access effettiv ghall-qrati, kemm civili u kriminali;

1.16. Illi t-Tariffa 'A' u 'E' tal-Kap 12 tivvjola d-dritt tar-rikorrenti meta giet imposta fuq valur illikwidat;

1.17. Illi ghalkemm it-talba originali kienet ghall-likwidazzjoni tad-danni, pero` sal-hin tas-smigh tal-appell din kienet ghada pretensjoni;

1.18. Illi l-intaxxar tal-ammont likwidat ittiehed bhala titolu ezekuttiv meta ma kienx;

1.19. Illi l-artiklu 13 tat-Tariffa 'E' fuq riferita tinkludi biss intaxxar fuq ammont likwidat;

1.20. Illi ghalhekk qed jattakkaw il-mod kif giet intaxxata s-sentenza fuq riferita;

1.21. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex din:

1.21.1. Tiddikjara li l-mod kif giet intaxxata l-kawtela li wasslet biex ir-rikorrenti ma jkollhomx access effettiv ghall-qorti bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), l-artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni

Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, (minn issa ’l quddiem il-Konvenzjoni), u l-artiklu 6 tal-Kap 319;

1.21.2. Tiddikjara li l-intaxxar tal-kawza fuq riferita wassal biex l-appell tar-rikorrenti jigi dikjarat desert minhabba n-nuqqas ta’ depozitu u hlas tal-kawtela u b’hekk, gie privat minn rimedju gudizzjarju, u dan bi ksur tal-istess artikli indikati fil-paragrafu precedenti;

1.21.3. Taghti dawk l-ordnijiet biex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali riferiti fiz-zewg (2) paragrafi precedenti;

1.21.4. Tiffissa kumpens adegwat favur ir-rikorrenti;

1.21.5. Tordna l-hlas tal-kumpens hekk likwidat favur ir-rikorrenti;

1.21.6. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta’ Mejju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Qrati fuq indikat datata t-23 ta’ Mejju, 2016, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 7):

3.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

3.2. Illi l-qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha *stante* li r-rikorrenti m’ezawrewx ir-rimedji ordinarji messi ghad-disposizzjoni taghhom;

3.3. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li la l-ammont involut gie likwidat fis-sentenza *in prim istanza* l-kawtela trid necessarjament tinhadem fuq l-ammont hekk likwidat fis-sentenza;

3.4. Illi la r-rikorrenti ghazlu l-procedura tal-*cautio iuratoria* dan hu ekwivalenti ghall-accettazzjoni tal-istess kawtela izda talbu lill-qorti biex tezenthom milli jhallsu l-istess;

3.5. Illi kull m'ghamel kien li hadem il-kawtela skont l-artiklu 249 tal-Kap 12 u *in linea* mal-ammont likwidat fis-sentenza *de quo*, u ghalhekk m'ghandux jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali fuq riferiti;

3.6. Illi m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif allegat mir-rikorrenti;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

3.8. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti *in toto*;

3.9. Bl-ispejjez;

4.0. Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali datata l-1 ta' Gunju, 2016, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 17):

4.1. Illi wara s-sentenza in prim'istanza r-rikorrenti kellhom kull opportunita` jintavolaw appell u kienu huma stess li ghazlu li ma jhallsux il-garanzija mehtiega ghaliex hassewha ezorbitanti;

4.2. Illi ghalkemm ippruvaw jikkonvincu lill-qorti li ma kellhomx flus ghall-istess kawtela, ghall-kuntrarju deher car li kellhom ammonti ta' flus sostanzjali;

4.3. Illi r-rikorrenti setghu kkontestaw l-ammont stabbilit ghall-kawtela;

4.4. Illi bid-determinazzjoni tal-kawtela ma gie determinat l-ebda dritt jew obbligazzjoni civili u ghalhekk il-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali lamentati mir-rikorrenti ma japplikawx;

4.5. Illi fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.6. Illi ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza *in prim' istanza* in dizamina:

4.6.1. Ir-rikorrenti Baldacchino kien gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4.6.2. L-ammont dovut mis-socjetajiet rikorrenti kien likwidat fl-ammont ta' €438,090.00;

4.7. Illi z-zewg socjetajiet rikorrenti fuq riferiti u l-istess Kummissarju tal-Artijiet appellaw l-imsemmija decizjoni fejn tal-ahhar sosstna li Baldacchino ghandu jinzamm responsabbli personalment ghall-pagament tad-danni likwidati;

4.8. Illi r-rikorrenti sussegwentement infurmaw lill-qorti permess ta' rikors appozitu li ma kellhomx l-ammont mitlub ghall-kawtela involuta;

4.9. Illi minn ricerka kondotta fir-rigward irrizulta il-kuntrarju;

4.10. Illi ghal din ir-raguni il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tar-rikorrenti desert;

4.11. Illi l-azzjoni odjerna hi intiza biex ittawwal jew tevita l-pagament dovut kif sancit fis-sentenza fuq riferita;

4.12. Illi kienu r-rikorrenti stess li gabu fuqhom is-sitwazzjoni li minnha qed jillamentaw, - *volenti non fit injuria* - ;

4.13. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jsosstnu li l-metodu kif tinhadem il-kawtela hu zbaljat, naqsu juru b'liema mod dan kien erronju jew kif ghandha tigi komputata l-istess kawtela;

4.14. Illi di *piu`*, r-rikorrenti m'ghandhomx juzaw il-procedura odjerna bhal qorti tat-tielet istanza;

4.15. Salv risposti ulterjuri;

4.16. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

5. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-9 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jaqblu li l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari jigu trattati flimkien mal-mertu, (ara foll 23);

6. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita mhux opposta, awtorizzat il-kjamata in kawza tad-Direttur tal-Artijiet, (ara foll 43);

7.0. Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet datata s-7 t'April, 2017, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 47):

   7.1. Illi kienu r-rikorrenti li naqsu jhallsu l-kawtela minnhom mitluba;

   7.2. Illi l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma kellhomx mezzi biex ihallsu l-kawtela mitluba hi ghal kollox fiergha anke billi l-istess Direttur, snin qabel, kien hallas lir-rikorrenti kumpens sostanzjali wara li kienet inbniet il-*power station* f'Delimara u dan, apparti proprjetajiet u assi ohra appartenenti lill-istess rikorrenti;

   7.3. Illi r-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji li kellhom qabel ma intavolaw il-procedura odjerna;

   7.4. Illi m'hemm l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

   7.5. Illi t-talba tar-rikorrenti lill-Qorti tal-Appell biex jigu ezentati mill-pagament tal-kawtela kienet respinta skont il-ligi;

   7.6. Illi ghalhekk il-procedura odjerna hi biss tentattiv biex tigi mtawla il-procedura biex il-pagament indikat u likwidat fis-sentenza fuq riferita jigi pospost kemm jista' jkun;

   7.7. Illi r-rikorrenti ma jispjegawx kif ghandha tigi komputata l-kawtela minnhom lamentata;

   7.8. Illi l-proceduri kostituzzjonali m'humiex intizi biex iservu ta' qorti tat-tielet istanza;

7.9. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

7.10. Salv risposti ulterjuri;

7.11. Bl-ispejjez;

8. Rat in-nota tar-rikorrenti datat t-22 ta' Gunju, 2017, (ara foll 54);

9. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, awtorizzat il-korrezzjoni hemm mitluba u awtorizzat li l-kliem 'Direttur tal-Artijiet' jigu sostitwiti bil-kliem 'Awtorita` tal-Artijiet', (ara foll 55);

10. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 265);

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-1 t'Awwissu, 2018, (ara foll 266), flimkien ma dik tal-intimat Avukat Generali datata l-5 t'Ottubru, 2018, (ara foll 273), u dik tardiva izda mhux opposta tal-Awtorita` intimata datata is-16 t'Ottubru, 2018, (ara foll 281);

12. Tirrileva li ghalkemm id-Direttur intimat inghata l-opportunita` biex hu wkoll jissottometti l-posizzjoni tieghu b'mod skritt, ghazel li ma jaghmilx dan, (ara foll 280);

13. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

14. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi prodotti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentati *in atti*;

15. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jiddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-premess il-fatti li taw lok ghall-procedura kostituzzjonali in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

16.1. Illi r-rikorrenti odjerni kienu parti fil-procedura fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Artijiet vs. Alfred Baldacchinio *et***, **Rikors Guramentat Numru 869/2007**, deciza *in prim' istanza* fit-**30 ta' Novembru, 2011**, (ara foll 58), liema process hu wkoll allegat mal-atti odjerni;

16.2. Illi essenzjalment il-procedura indikata fil-paragrafu precedenti kienet tirrigwarda talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' danni rizultat ta' agir abbuziv *daparti* tal-intimati – r-rikorrenti odjerni;

16.3. Illi essenzjalment l-imsemmija procedura giet:

16.3.1. Deciza favur id-Direttur hemm rikorrenti;

16.3.2. Illi s-socjetajiet intimati hemm indikati kienu kkundannati jhallsu danni fl-ammont ta' €438,090.00;

16.4. Illi l-intimati hemm indikati appellaw dik is-sentenza u d-Direttur hemm rikorrenti wkoll ipprezenta appell incidentali;

16.5. Illi *ai termini* tal-artiklu 249 tal-Kap 12 id-Direttur intimat fil-procedura odjerna stabbilixxa l-kawtela dovuta biex ikun jista' jinstema l-appell *de quo*;

16.6. Illi fil-procedura tal-appell fuq riferita l-appellanti hawn rikorrenti issottomettew li ma kellhomx l-ammont mitlub ghall-kawtela u talbu biex jigu ammessi ghall-garanzija bil-gurament, (ara foll 25 tal-process in appell anness mal-procedura odjerna);

16.7. Illi l-appellanti *de quo* baqghu ma hallsux il-kawtela rikjesta;

16.8. Illi minn ricerka kondotta mid-Direttur tal-Artijiet irrizulta li Alfred Baldacchino u s-socjetajiet ko-appellanti mieghu, kellhom bizzejjed mezzi biex jeffettwaw il-kawtela mitluba, (ara foll 28 tal-process tal-appell);

16.9. Illi in vista tal-istess il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tal-istess Baldacchino u tas-socjetajiet hemm mieghu indikati desert, (ara foll 28 tal-process tal-appell), u ddifferiet l-appell incidentali sottomess mid-Direttur *de quo* ghas-sentenza, (ara foll 28 tal-process tal-appell);

16.10. Illi d-Deputat Registratur fil-Qorti tal-Appell xehdet dwar kif tigi komputata l-kawtela u spjegat li, (ara foll 32):

16.10.1. Din tinhadem fuq it-taxxa mahruga mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

16.10.2. Tinhadem ukoll fuq l-ammont li jkun kristallizzat fl-istess kawza *in prim' istanza*;

16.10.3. Illi fil-kaz in ezami kien hemm kundanna ghall-hlas ta' €438,090;

16.10.4. Illi fuq l-ammont li jkun jidher fuq it-taxxa jizdied terz, (⅓), tal-appell ghall-kawtela;

16.10.5. Illi dan hu xoghol mekkaniku li jiddependi fuq l-ammont gia` ezistenti fit-taxxa mahruga;

Ikkunsidrat:

17. Illi r-rikorrenti jsosstnu li l-metodologija ta' kif inhadmet il-kawtela kienet zbaljata;

18. Illi ghalhekk inkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fuq lamentati;

19. Illi min-naha taghhom l-intimati jirrespingu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti;

20. Illi permezz tan-nota datata t-22 ta' Gunju, 2017, ir-rikorrenti jissottolineaw li l-ilment minnhom hawn intavolat jirrigwarda l-prattika kif tigi mahduma l-kawtela ghall-ispejjez tal-appell, senjatament, li tali garanzija tinhadem fuq is-somma likwidata mill-ewwel qorti, (ara foll 54);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi ezawrit is-suespost jigu issa indirizzati l-***eccezzjonijiet ta' natura preliminari*** sollevati, senjatament:

21.1 Ir-**Rapprezentanza fl-atti gudizzjarji**, (ara l-Kap 'A' aktar 'l quddiem);

21.2. In-**Nuqqas t'Ezawriment tar-Rimedji Ordinarji**, (ara l-Kap B' aktar 'l quddiem);

Ikkunsidrat:

**A. Ir-Rapprezentanza fl-Atti Gudizzjarji:**

22. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 181B (1) tal-Kap 12 jistipula s-segwenti:

> "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni";

23. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Tabone *Computer Centre Limited* vs. Ir-Regolatur tat-Telegrafija Minghajr Fili *et***, datata s-**27 ta' Jannar, 2011**, li f'dan ir-rigward irriteniet:

> "Illi l-ligi trid li f'kawzi l-Gvern ikun rapprezentat mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u li l-Avukat Generali jidher biss f'dawk il-kawzi li, minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jitressqu kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohrajn";

24. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li hu l-kap tad-dipartiment ikkoncernat li ghandu jkun inkarigat mill-materja li tkun indirizzata fi process gudizzjarju u li ghalhekk jikkwalifika bhala l-legittimu kontradittur u dan, ghaliex hu proprju l-istess kap tad-dipartiment involut li jkun inkarigat mill-materja in dizamina;

25. Illi hu biss sussidjarjament – meta procedura ma tkunx tista' titressaq kontra xi kap ta' dipartiment – li kawza ghandha imbaghad tkun indirizzata kontra l-Avukat Generali;

26. Illi di piu`, minn dak mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom u kif sussegwentement specifikat fin-nota taghhom datata t-22 ta' Gunju, 2017, (ara paragrafu numru ghoxrin, (20.), aktar qabel), l-ilment in dizamina hu limitat ghall-analisi tal-prattika ta' kif tigi komputata l-garanzija ghall-ispejjez tal-appell;

27. Illi ghalhekk jigi sottolineat li l-intimat Direttur tal-Qorti Civili u Tribunali hu l-legittimu kontradittur;

Ikkunsidrat:

**B. In-Nuqqas t'Ezawriment tar-Rimedji Ordinarji:**

28. Illi ghandu jinghad li qabel l-izviluppi ricenti riskontrati fir-rigward il-qrati lokali kienu jsosstnu li rimedju kostituzzjonali jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex tittutela d-drittijiet fundamentali involuti;

29. Illi pero` wara s-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Brincat *and Others* vs. Malta** datata l-**24 ta' Lulju, 2014**, is-sitwazzjoni fir-rigward inbidlet radikalment;

30. Illi fid-dawl tal-istess il-posizzjoni fir-rigward issa hi li bl-intavolar tal-procedura kostituzzjonali biss xorta wahda jkunu servuti l-interessi tal-principju tal-ekonomija tal-gudizzju gialadarba li biex jinghata rimedju komplet rikorrenti involut xorta jkollu jintavola procedura ta' natura kostituzzjonali sussegwenti ghal dik civili;

31. Illi di fatti, fis-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **George Spiteri *et* vs. *Policy Manager tal-Malta Shipyards***, datata is-**27 ta' Marzu, 2015**, gie ritenut is-segwenti:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza msemmija ta' *Brincat and Others vs. Malta* din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw mhux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li

jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjonali u 4(2) tal-Kap 319 minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

32. Illi fid-dawl tas-suespost terga tiehu l-opportunita` tissottolinea li tali eccezzjoni m'ghandiex allura tibqa' tigi sottomessa *stante* li issa giet konsenjata lill-istorja;

33. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi fuq il-**mertu** jinghad sintetikament is-segwenti:

34.1. Illi l-lanjanza in dizamina tirrigwarda l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni li jipprovdi s-segwenti:

"1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata publikament izda l-istampa u l-pubbliku jistghu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurata` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

"2. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skont il-ligi.

"3. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

"(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;

"(b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;

"(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;

"(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur Tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;

"(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti";

34.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-**Atti tar-Referenza tad-29 ta' Novembru, 2002**, mill-**Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet fl-Atti tar-Rikors (Numru 14/2001)** fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet vs. Violet Briffa *et***, datata **d-29 t'April, 2004**, li rriteniet is-segwenti:

"F'dan il-waqt, tajjeb li wiehed ifakkar li wiehed mill-elementi ewlenin tal-artiklu 6 hu li jiggarantixxi lill-individwu l-jedd ta' access ghal qorti jew tribunal imparzjali, ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu. Meta tali jedd ikun michud lilu, ikun hemm ksur tal-artiklu 6, ghaliex l-access irid ikun wiehed effettiv u mhux biss tejoretiku jew jiddependi mir-rieda ta' haddiehor";

34.3. Illi konsegwentement jigi sottolineat li d-dritt ghall-access effettiv ghall-gustizzja hu meqjus bhala dritt essenzjali ghall-harsien shih tad-dritt ghal smigh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

Ikkunsidrat:

35. Illi minn ezami tal-atti kopjuzi pprezentati in atti jirrizulta – kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti – li l-ligi tghathom access komplut u indisturbat ghal rimedju quddiem qorti imparzjali u indipendenti;

36. Illi in effetti jirrizulta li huma intavolaw appell mis-sentenza *in prim' istanza* datata t-30 ta' Novembru, 2011;

37. Illi fih innifsu dan il-fatt jissottolinea li ma kien hemm assolutament xejn x'izomm lir-rikorrenti odjerni, (hemm intimati), milli jaccedu ghall-qorti biex tanalizza l-lanjanzi taghhom;

38. Illi l-fatt li l-istess rikorrenti kellhom hemm ihallsu l-garanzija in dizamina ma jnehhix il-jedd taghhom ghall-access ghall-istess qorti;

39. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kawtela in dizamina bl-ebda mod ma tista' titqies li hi xi restrizzjoni eccessiva jew drakonika *stante* li minkejja l-istess kawtela, d-dritt t'access ghall-qorti jibqa' garantit, assikurat u effettiv;

40. Illi jirrizulta li kienu r-rikorrenti stess, hemm intimati, li minn jeddhom ghazlu li jirrinunzjaw ghall-procedura meta ghazlu li ma jhallsux il-garanzija mitluba;

41. Illi *di piu`* meta sar l-approfondiment necessarju biex jigi stabbilit jekk verament l-istess rikorrenti hemm indikati kellhomx finanzi bizzejjed biex jissodisfaw l-imsemmija kawtela instab li l-allegazzjoni taghhom ma kienitx tregi u konsegwentement, respinta;

42. Illi kif ritenut fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Avukat Leslie Grech *proprio et nomine et* vs. Nazzareno Vassallo *et***, datata l-**15 ta' Lulju, 2014**:

> "Il-jedd ta' access ghal qorti jew tribunal bhala attribute tal-jedd ghal smigh xieraq ikun sodisfatt jekk jista' jinghata lil persuna bhal dik rimedju taht il-ligijiet fis-sehh, ukoll jekk dak ir-rimedju jista' jkun cirkoskritt jew regolat b'dispozizzjonijiet ohra tal-ligi";

43. Illi konsegwentement ghandu jirrizulta pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni gie debitament sodisfatt fil-konfront tar-rikorrenti *nonostante* l-obbligu tal-pagament tal-garanzija involuta;

44. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

45.0. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-**artiklu 39 tal-Kostituzzjoni** jinghad sintetikament is-segwenti:

4.5.1. Illi l-artiklu 39 (2) in dizamina jistabbilixxi li:

> "Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli";

4.5.2. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili, ghall-istess ragunijiet elenkati taht il-konsiderazzjonijiet rigwardanti l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru erbgha u tletin punt zero, (34.0.), sal-paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), aktar qabel), jinghad li ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni hawn in dizamina;

Ikkunsidrat:

46.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovatx it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

46.1. Tiddikjara li l-intimat Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur ghall-procedura in dizamina u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

46.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

46.3. Tirrespingi wkoll it-tieni (2) risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali;

46.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti *in solidum*.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**